# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 59

Il-Ħamis 19 ta' Jannar 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 19 ta' Jannar 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa. Huwa kien preżenti għal-laqgħa virtwalment minħabba mpenji ta' xogħol f'Malta.

### 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

59.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi nforma lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol barra minn Malta. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

59.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 58 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

59.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

59.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

59.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li huwa jinsab Malta minħabba raġunijiet ta' xogħol iżda wkoll minħabba li aktar kmieni dak il-jum attenda għall-preżentazzjoni tal-fondi mogħtija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali taħt l-iskema SPI/SCI/9/2022 Finanzjament Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Huwa nforma lill-membri li wara li ġiet sottomessa applikazzjoni għall-fondi biex isir tisbieħ fid-daħla tar-raħal fi Triq Santa Dminka, il-Kunsill ser jingħata 80% ta' €100,000 mill-ispiża totali tal-proġett, liema spiża ser tammonta madwar €250,000. Is-Sindku informa lill-membri li għad-differenza tal-ammont, il-Kunsill ser ikun qed jiltaqa' mal-Awtorita tal-Ippjanar biex jingħata l-fondi mill-*Development Planning Fund*, nhar il-23 ta' Jannar 2023.

59.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li għal darba oħra saret il-laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija li għaliha attenda s-Supretendent tal-Pulizija, iż-żewġ pulizija tal-komunita' stazzjonati fil-lokalita' u s-surġent tat-taqsima tal-Pulizija tal-Komunita'.

59.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li ġie avviċinat mill-kumitat tal-festa sabiex il-Kunsill jorganizza attivita' u jagħti s-sehem tiegħu fiż-żmien tal-festa ta' San Pawl Nawfragu li ser tiġi ċċelebrata fl-10 ta' Frar 2023. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 59.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

59.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis ressqet suġġeriment sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-gradi tal-i*storm water culverts* ta' Triq Dun Alan Fenech u tal-Pjazza tal-Knisja minħabba li qed iħabbtu x'ħin jgħaddu l-vetturi minn fuqhom. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

59.4.2 Il-Kunsilliera Juliet Attard staqsiet dwar il-possibilita' biex il-Kunsill jagħmel manutenzjoni fi Triq tax-Xadba billi jsir *patching* bil-konkos. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

59.4.3 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar il-permessi li qed jinħarġu fi Triq il-Puniċi fix-Xlendi u wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm konferma sabiex il-Kunsill joħroġ sa massimu ta' tlett permessi għall-għeluq tat-triq fil-ġimgħa biex ix-xogħol jinħeles malajr kemm jista' jkun.

## 59.5 Proġetti fil-Lokalita';

59.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li ser tiġi sottomessa *change request* għall-proġett ko-finanzjat mill-fondi ewropej fi Triq L-Isqawi biex is-*savings* li għad baqa' jgħaddu għal fuq il-*line item* tal-aħħar attivita' skedata għat-28 t'April 2023 marbuta ma' dan il-proġett. Kien hemm qbil mill-membri.

59.5.2 Is-Sindku għarraf ukoll li se ssir l-istess sottomissjoni għall-proġett tat-torri tax-Xlendi sabiex il-fondi li għad baqa' jiġu trasferiti fuq il-*line item* tal-promozzjoni tal-proġett li mistenni jiġi inawgurat matul ix-xahar ta' Ġunju 2023. Kien hemm qbil mill-membri.

59.5.3 Is-Sindku nforma lill-membri li l-proġett tal-*playingfield* jinsab fl-aħħar fażi tiegħu fejn il-Kunsill qed jistenna li jiġu ffinalizzati u nstallati r-*railings* tal-ħadid. Huwa qal li ppjanati li fix-xahar Marzu 2023 dan il-proġett ikun komplut u jiġi inawgurat flimkien mal-proġett ta'restawr tal-ħitan tas-sejjieħ.

**59.6 Attivita' tal-Karnival 2023 fil-Munxar;**

59.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li qed jithejja programm bis-sehem ta' diversi kumpaniji taż-żfin u maskaruni sabiex issir l-attivita' tal-Karnival fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Is-Sindku ppropona d-data tal-Ħamis 16 ta' Frar 2023 mis-6 ta' filgħaxja 'il quddiem. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan,.

**59.7 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2022 – Diċembru 2022 (Ir-raba' kwart);**

59.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.

59.7.2 Ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart Jannar 2022 – Diċembru 2022 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**59.8 Approvazzjoni tal-*performance appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill;**

59.8.1 Is-Sindku ppreżenta l-*performance appraisal report* li hejja tas-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ, jiġifieri ta' 10%.

59.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal reports* li hejja tal-iskrivana Nicholette Attard u tal-Assistent Prinċipali Kimberly Spiteri għas-sena 2022. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ ta' 6% għal dawn l-impjegati.

## 59.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

59.9.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn TriGozo sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Il-Munxar tiġi organizzata u jinħareġ permess għall-attivita' sportiva nhar it-28 ta' Mejju 2023 bejn is-7.00am u l-11.30am. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

59.9.2 Il-Kunsill irċieva konferma u notifika li ser jiġi rimborsat l-ispejjeż mill-kumpanija tal-assigurazzjoni LAFERLA wara li sar vandaliżmu fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Il-Kunsill innota dan.

59.9.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex bi proposti li nġabru minn studenti mil-lokalita' wara l-inizjattiva li ġiet imnedija minnhom bl-isem Idea Għal Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza b'konferma mill-awtorita' ta' ġestjoni tal-fondi ewropej taħt il-miżura 4.4 sabiex tiġi estiża d-data tat-tlestija tal-proġett sa Ġunju 2023 kif ukoll sabiex isiru xi emendi fil-BOQ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.5 Ċirkulari DLG numru 01/2023 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.6 Ċirkulari Nru AKL 2022/114 – Studju tal-PhD dwar it-tkabbir tal-ikel. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.7 Ċirkulari Nru AKL 2023/001 – Call for Application to participate in the 2023 edition of the "Rejuvinating Politics" initiative. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.8 Ċirkulari Nru AKL 2023/002 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li din il-polza tiġġedded.

59.9.9 Ċirkulari Nru AKL 2023/003 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li din il-polza tiġġedded.

59.9.10 Ċirkulari Nru AKL 2023/004 – Save the Date: Consultation session on Malta's Sustainable Development Strategy for 2050. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.11 Ċirkulari Nru AKL 2023/005 – Interactive Interview Skills Course 27/012023 – 2801/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.12 Ilment 01/2023
Titlob sabiex jiġu nstallati żewġ lampi tat-toroq f'passaġġ pubbliku fi Triq Bardan. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġu nstallati wara li ssir żjara fuq il-post mis-Sindku.

59.9.13 Ilment 02/2023
Residenta tilmenta li qed jidħlu bil-vetturi tat-turisti fuq il-pavimentar fl-inħawi tas-Sanap. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi lill-Pulizija tal-Komunita'.

59.9.14 Ilment 03/2023
Residenta titlob sabiex isir xogħol ta' żbir tas-siġar taż-żebbuġ fi Ġnien Ragalna. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 59.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

59.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 59/2022-8 għall-perjodu bejn il-15 ta' Diċembru 2022 u d-19 ta' Jannar 2023 li tammonta għal €281,514.40 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Mark Busuttil kien il-proponent filwaqt li l- Viċi Sindku Carmen Parnis is-sekondant.

## 59.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

59.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 22 ta' Frar 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 22 ta' Frar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |